TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Maria Azzopardi

vs

Digiline Electronics - Keith Borg

CCT 105/18/MS

16 ta' Jannar 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fis-16 ta' Lulju 2018 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €245.00, prezz ta' mobile mixtri minghand l-azjenda intimata/ intimat, liema mobile kien difettuz u li l-azjenda intimata rrifjutat li ssewwi minghajr hlas.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata/ intimat fejn dan spjega illi l-mobile ma setax jissewwa minghajr hlas peress illi kellu sinjali ta' daqqiet fuqu.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti Maria Azzopardi xehdet f'dawn il-proceduri illi xtrat mobile minghand l-intimat fil-21 ta' Marzu 2018 ghall-prezz ta' €245.00 b'garanzija ta' sitt xhur skond il-kondizzjonijiet murija fid-dokument MA. Wara xahar dehru tbajja vjola fuq in-naha t'isfel tal-iscreen. Il-mobile ittiehed ghand l-intimat, fejn inzamm ghal tlett gimghat. Wara dan, il-mobile ingabar u t-tiswija saret minghajr hlas. Wara gimgha u nofs ir-rikorrenti tghid illi regghu dehru t-tbajja lejn in-nofs tal-iscreen u l-mobile rega' ttiehed ghand l-intimat u wara spezzjoni, l-intimat qal li l-mobile kien twaqqa' u saritlu hafna hsara. Din ma setghetx tissewwa taht il-garanzija u r-rikorrenti kellha thallas ghat-tiswija. Ir-rikorrenti rrifjutat li thallas il-ghaliex qalet illi ma kienx minnu illi waqqaghtu.

Illi min-naha l-ohra Keith Borg l-intimat, filwaqt illi kkonferma x-xiri tal-mobile bil-prezz indikat, ikkonferma wkoll illi r-rikorrenti giet darbtejn ghandu bil-hsara fil-mobile. L-

ewwel darba biddel id-*display* a spejjes tieghu minghajr ma saret spezzjoni fil-fond. Pero' meta grat it-tieni darba, spezzjona l-mobile u hadu ghand wiehed tekniku li ccertifika li l-mobile kellu d-*display* miksur (Dok MG). Gie ezebit ritratt fejn din il-hsara tidher sew.

Ikkunsidra

Illi kien jinkombi fuq ir-rikorrenti illi tipprova almenu fuq bazi ta' probabbilita' illi l-mobile gralu hsara fil-perjodu tal-garanzija, liema hsara kien dovut ghal xi haga teknika skond it-termini stess tal-garanzija. (Dok MA) Fil-fehma ta' dan it-Tribunal ir-rikorrenti naqset illi ggib din il-prova, anzi skond it-termini tal-garanzija minnha esebit, fil-paragrafu 5 jinghad illi *'the display or LCD is made of very thin glass and is not covered by the warranty* kif ukoll li hsara kkawzata minn 'mishandling, wear and tea*r, water and liquid damage, intense or direct heat or any tampering and repair by unauthorised persons*' mhumiex koperti bil-garanzija.

Min-naha l-azjenda intimata ppruvat a sodisfazzjoni tat-Tribunal li l-hsara giet ikkawzata minn daqqa li jidher car fir-ritratt esebit mar-rapport tekniku. Zgur li din il-hsara giet ikkawzata meta l-mobile kien fil-pusess tar-rikorrenti u hadd hliefha ma jista' jerfa' responsabbilta' ghal dan.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi l-azjenda intimata/ intimat irnexxielu jipprova l-istanza tieghu a sodisfazzjon ta' dan it-Tribunal li l-hsara fil-mobile grat sforz it-traskuragni tal-istess rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjes kontra taghha.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru